MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 541/2011

**Godfrey Cassar, Carmen Cassar u Bjorn Cassar magħruf bħala Bjorn Cassar Simmonds**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi r-rikorrent Godfrey Cassar twieled fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u ħamsin (1954) lil Anthony Cassar u martu Paola Cassar neé Simmonds u t-twelid tiegħu ġie reġistrat fl-att tat-twelid bin-numru 8213 tas-sena 1954, kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'GC1';

Illi r-rikorrent Godfrey Cassar huwa miżżewweġ lir-rikorrent Carmen Cassar neé Cassar ukoll u ż-żwieġ tagħhom ġie reġistrat fl-att taż-żwieġ bin-numru 2274 tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (1979), kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'GC2';

Illi minn dan iż-żwieġ fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wieħed u tmenin (1981), kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'GC3';

Illi r-rikorrent Bjorn Cassar ilu magħruf bil-kunjom "Cassar Simmonds" u ċjoe' ż-żewġ kunjomijiet tan-nanniet paterni tiegħu għal dawn l-aħħar snin, kif ikkonfermat minnu stess fl-affidavit tiegħu hawn anness u mmarkat Dok 'GC4' u anke minn dokumenti oħra fosthom Ktieb tal-Baħar maħruġ mir-Repubblika ta' Malta hawn annessi u mmarkati dok 'GC5' sa 'GC8'

Illi r-rikorrenti Godfrey Cassar jixtieq li huwa jkun magħruf biż-żewġ kunjomijiet taż-żewġ ġenituri tiegħu u ċjoe' "Cassar Simmonds" minflok "Cassar" liema xewqa hija wkoll dik tar-rikorrenti Carmen Cassar;

Illi r-rikorrenti jixtiequ jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom u jeffetwaw it-tibdil neċessarju sabiex l-atti uffiċjali tagħhom kollha jirriflettu dak fuq indikat;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Illi jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti jeħtieġ illi jiġu emendati s-segwenti atti ta' stat ċivili, u ċjoe':

(a) l-att tat-twelid bin-numru 8213 tas-sena 1954 billi fil-kolonna *"Isem jew Ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"*, in kwantu jirrigwarda l-intestata *"it-tarbija"* jiġi nserit u miżjud il-kunjom *"Cassar Simmonds"*;

(b) l-att taż-żwieġ bin-numru 2274 tas-sena 1979 billi fil-kolonna *"Isem u Kunjom"* in kwantu jirrigwarda l-intestata *"Ir-raġel miżżeweġ"* billi jiġi sostitwit il-kunjom "Cassar" bil-kunjom "Cassar Simmonds";

(c) l-att tat-twelid bin-numru 3499 tas-sena 1981 billi fil-kolonna *"Isem u Kunjom"* in kwantu jirrigwarda l-intestati *"Missier it-tarbija"* u *"L-omm"* billi jiġi sostitwit il-kunjom "Cassar" bil-kunjom "Cassar Simmonds";

Illi din it-talba qed issir *in linea* mad-dispożizzjoni tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż tal-Artikolu 253(2) u 292A;

Illi l-fatti kollha hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti;

Għaldaqstant in vista ta' dak kollu fuq premess ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha *previa* kull dikjarazzjoni, ordni u provvediment meħtieġ skond il-Liġi:-

1. Tawtorizza lir-rikorrenti Godfrey Cassar iżid ma' ismu kunjom xbubit ommu, u ċjoe' "Simmonds" sabiex isir magħruf bħala "Godfrey Cassar Simmonds";

2. Tordna li l-att tat-twelid bin-nurmu 8213 tas-sena 1954 jiġi korrett fis-sens illi fil-kolonna *"Isem jew Ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* in kwantu jirragwarda l-intestata *"it-tarbija"* jiġi nserit u miżjud il-kunjom *"Cassar Simmonds*";

3. Tordna li l-att taż-żwieġ bin-numru 2274 tas-sena 1979 korrett fis-sens illi fil-kolonna *"Isem u Kunjom"*, in kwantu jirrigwarda l-intestata *"Ir-raġel miżżewweġ"* jissosstitwixxi l-kunjom "Cassar" bil-kunjom "Cassar Simmonds";

4. Tordna li l-att tat-twelid bin-numru 3499 tas-sena 1981 jiġi korrett bilili fil-kolonna *"Isem u Kunjom",* in kwantu jirrigwarda l-intestati *"Missier it-tarbija"* u *"L-omm"*, jiġi sostitwit il-kunjom "Cassar" bil-kunjom "Cassar Simmonds";

5. Tordna illi dan it-tibdil jiġi rifless fl-atti kollha tal-ħajja ċivili tar-rikorrenti;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur Reġistru Pubbliku, ppreżentata fit-18 ta' Awissu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti Bjorn Cassar Simmonds bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob għal korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li huwa għandu jidher bil-kunjom '*Cassar*' u mhux '*Cassar Simmonds*' *stante* li l-kunjom '*Simmonds*' ma jappartjenix lilu skond kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni 3499 tas-sena 1981;

Illi *in limine litis* ukoll huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għal fuq imsemmi, rigward l-ewwel talba, l-esponenti għandhom ukoll jispeċifikaw f'liema att tal-Istat Ċivili din l-Onorabbli Qorti għandha tawtoriżża lir-rikorrenti Godfrey Cassar iżid kunjom xbubit ommu.

Illi *in vena* preliminari wkoll, huwa essenzjali li t-talbiet tar-rikorrenti kif imniżżla fir-rikors ġuramentat tagħhom jiġu **preċeduti** minn talba oħra separata li permezz tagħha jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li Godfrey Cassar, Carmen Cassar u Bjorn Cassar kienu konsistentement imsejħin u magħrufin bil-kunjom *'Cassar Simmonds'* u mhux bil-kunjom ta' *'Cassar'* kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tagħhom;

Illi bla preġudizzju għal fuq espost it-tieni talba tar-rikorrenti hija insostenibbli *stante* li l-Att tat-Twelid oriġinali ta' Godfrey Cassar bin-numru progressiv 8213/1954 ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi inserit il-kunjom tat-tarbija. *Inoltre* lanqas ma teżisti l-ħtieġa li ssir annotazzjoni għaliex skond l-Artikolu 4(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ulied iż-żwieġ

għandhom il-fakoltà bil-liġi li wara l-kunjom ta’ missierhom iżidu anke kunjom xbubit ommhom;

Illi dejjem bla ebda preġudizzju għas-surreferit anke il-ħames talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi akkolta. Fl-ewwel lok għaliex l-intimat huwa kompetenti biss fir-rigward ta’ atti tal-istat ċivili u mhux tal-atti kollha tal-ħajja ċivili tar-rikorrenti, u fit-tieni lok għaliex skont l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta l-attriċi nomine għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huma qegħdin jagħmlu riferenza għalihom;

Illi bla ħsara għal premess, rigward it-tielet u r-raba’ talba, jekk tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-artikolu 253(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti Bjorn Cassar u mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-dati ta’ reġistrazzjoni rispettivi taħhom kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni fl-Att tat-Twelid ta’ Godfrey Cassar bin-numru ta’ iskrizzjoni 8213/1954 u / jew fl-Att taż-Żwieġ ta’ Godfrey Cassar u Carmen Cassar bin-numru ta’ iskrizzjoni 2274/1979 u / jew fl-Att tat-Twelid ta’ Bjorn Cassar bin-numru ta’ iskrizzjoni 3499/1981u għalhekk ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni, tiswija jew żieda ta’ kunjom ieħor ma tista’ tiġi effetwata lill-imsemmija atti tal-istat ċivili skond id-dettami tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi għalhekk, għal kull *buon fini*, l-esponenti jissuġġerixxi li għandha tintalab annotazzjoni fis-sens li fejn jidher Godfrey Cassar fl-att taż-żwieġ bin-numru 2274/1979 u fl-att ta’ twelid ta’ ibnu r-rikorrenti l-ieħor Bjorn bin-numru 3499/1981, jiġi miżjud il-kliem *‘magħruf bħala Godfrey Cassar Simmonds’*.

Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2010 fejn il-kawza tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hija msejsa fuq l-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi rimedju għal persuna li tirriskontra żball fl-att tat-twelid tagħha kif ukoll biex persuna titlob reġistrazzjoni ta' isem li bih tkun magħrufa għall-familja tagħha.

Illi f'din il-kawża huwa ċar li l-atturi qed jagħmlu t-talba tagħhom a bażi tal-Artiklu 253 (2) għaliex ma hemm ebda żball *ut sic* fl-att tat-tweild tagħhom.  Fil-fatt fl-istess rikors promotur jingħad li l-attur Bjorn Cassar dejjem kien magħruf bħala Cassar Simmonds u d-dokumenti esebiti minnu ma jħallu ebda dubju dwar dan.

Illi madankollu l-konvenut fil-mertu qed jeċċepixxi li mid-dokumenti esebiti ma jirriżultax li kien hemm xi żball jew ommissjoni fl-att tat-twelid tal-attriċi, u li l-att tat-twelid ma jipprovdi ebda spazju biex jiġi ndikat kunjom it-tarbija.

Il-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjonijiet imsemmija għandhom piż notevoli u l-Qorti fuq l-iskorta ta' sentenza pjuttost riċenti (16 ta' Diċembru 2003) tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet

**"Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** ma tħossx li tista' taderixxi għat-talbiet attriċi kif proposti.

Illi l-ewwelnett sewwa josserva l-konvenut illi l-att tat-twelid ma jipprovdi mkien kolonna fejn jitniżżel kunjom it-tarbija għas-sempliċi raġuni li t-tarbija tieħu kunjom missierha jew ommha skond il-każ. Għalhekk l-atturi ma jistgħux jagħmlu it-talba li qed jagħmlu għaliex effettivament b'hekk kull attur ikun qed ibiddel *kunjom missieru*. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza imsemmija, l-Artikolu 253 (2) jirreferi għal isem (u mhux kunjomu) l-attriċi għas-sempliċi raġuni li *ċ-ċertifikat tat-twelid ta' persuna ma jagħtix il-kunjom ta' dik il-persuna, iżda għal dak li huwa kunjom, jagħti l-kunjom ta' missier u ta' omm dik il-persuna. Huwa biss l-isem (Christian name) li jiġi mogħti speċifikatament lill-persuna li għaliha jirreferi ċ-ċertifikat li jkun ... U huwa proprju għax iċ-ċertifikat tat-tweild ma jattribwix 'kunjom' lit-tifel – it-tifel sempliċement jassumi l-kunjom ta' missieru (li miegħu llum jista' jżid kunjom ommu) li r-riferenza għall-isem fis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 253 hija neċessarjament referenza għall-prenom u mhux għall-kunjom jew 'family name'.*

Illum huwa minnu li kien hemm każi fejn il-Qorti (fuq talba tal-attur jew attriċi) awtorizzat annotazzjoni fil-marġini tal-att tat-twelid; u għalkemm f'din il-kawża l-attriċi m'għamel ebda talba simili pero' billi dan qed jissuġġerih l-istess konvenut il-Qorti se tilqa' dan is-suġġeriment u tordna tali annotazzjoni (*vide* s-sentenza **"John Zammit *sive* Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**, Qorti tal-Appell deċiża fit-2 ta' Marzu 1994). Fil-każ odjern ikun tajjeb li kif qed jissuġġerixxi l-konvenut, l-annotazzjoni ssir fl-att taż-żwieġ 2274/1979 u tat-twelid 3499/1981.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tielet, il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi; pero' tordna li fl-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti Godfrey u Carmen Cassar, numru 2274/1979 u f'dak tat-Twelid numru 3499/1981 tal-attur Bjorn**

**Cassar, fejn jidher l-isem *Godfrey Cassar* jiżdied il-kliem *"magħruf bħala Godfrey Cassar Simmonds"*.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------